MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 748/2006

**Josephine Attard Sultana, Francis Buttigieg, Saviour Frendo, Mary Rose Mifsud, Andrew Howard, Lawrence Darmanin, Jeremy James Camilleri, Joseph Attard, Ottilia Terribile, Paul Mizzi u Sandro Portelli fil-kwalita` rispettiva taghhom ta` Segretarju/a tat-Taqsima tas-Settur Pubbliku tal-General Workers' Union, President, Vici-President, Assistenti Segretarji u membri tal-Kumitat Ezekuttiv tal-imsemmija Taqsima**

**vs**

**Tony Zarb, Gejtu Mercieca, Salvu Sammut, Michael Parnis u Helen Mallia, Segretarju Generali, Deputat Segretarju Generali [Taqsimiet u Amministrazzjoni], President, Deputat Segretarju Generali [Internazzjonali, Edukazzjoni u Ricerka] u Vici President rispettivament tal-General Workers' Union, ilkoll komponenti l-Amministrazzjoni Centrali tal-**

**General Workers' Union u in rapprezentanza tal-istess Union.**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti tat-12 ta` Gunju, 2007.

Rat ir-risposta tal-intimati pprezentata fit-22 ta` Novembru, 2007.

Ikkunsidrat li permezz ta` dan ir-rikors din il-Qorti qed tintalab tistenna sakemm jigu decizi proceduri stitwiti quddiem it-Tribunal Industrijali.

Huwa minnu li t-talbiet maghmula f`dawn il-proceduri huma distinti minn dawk quddiem it-Tribunal Industrijali, fejn ir-rikorrenti odjerna Sultana qed titlob dikjarazzjoni ta` tkeccija ingusta mill-impieg taghha fost hwejjeg ohra, filwaqt li fil-proceduri quddiem din il-Qorti, it-talbiet jirrigwardaw proceduri tal-organi tal-istess General Workers Union.

Madanakollu, il-*locus standi* tar-rikorrenti fil-proceduri tal-lum huma direttament dipendenti fuq l-ezitu tal-proceduri quddiem l-istess Tribunal Industrijali. Fil-fatt l-intimati stess, fir-risposta taghhom, senjatament f`paragrafu Nru. 4 jeccepixxu li:

*"Preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi l-atturi indikati bhala li qed jagixxu fil-posizzjoni u kwalita` minnhom premessa ma ghadhomx jokkupaw tali posizzjoni u ghalhekk fi kwalunkwe kaz jehtieg li ssehh il-legittimazzjoni tal-atti qabel mas-smiegh jista` jitkompla"*.

Madanakollu, din il-Qorti hija ferm konxja tal-obbligi li ghandha sabiex il-kawzi jinstemghu u jinqatghu fi zmien ragonevoli kif inhi ukoll konxja tan-natura eccezzjonalissima tal-mizura tas-soppressessjoni.

Ghalkemm l-ezitu tal-proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali jista` jirrendi s-sitwazzjoni tar-rikorrenti ghal prekarjeta, il-Qorti temmen illi ma jkunx fl-interess suprem tal-gustizzja li din il-kawza tieqaf hawn.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti hi tal-fehma li l-gbir tal-provi jibqa` ghaddej regolarment.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------